MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Rikors Numru. 612/2010

HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)
vs
ACE Investments Co. Ltd. (C 13468);
Joseph u Judith konjugi Ferrigi (karta ta' l-identita` 300357(M) u 61554(M) rispettivament);
Nazzareno sive Rennie u Maria Grazia konjugi Borg (karta ta' l-identita` 964845(M) u 920148(M) rispettivament)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. *ai termini* ta' l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li bih espona:

Illi l-intimati ACE Investments Co. Ltd., Joseph u Judith konjugi Ferriggi u Nazzareno *sive* Rennie u Maria Grazia konjugi Borg (karta ta' l-identita` 964845(M) u 920148(M) rispettivament) ikkostitwew ruhhom veru, certi u likwidi debituri tal-Bank rikorrent permezz ta' zewg atti ta'

kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, it-tnejn datati 4 ta' Gunju 2001 (kopji annessi mar-rikors u immarkati bhala Dok. HSBC I u Dok. II) fl-ammont globali ta' €368,898.77 (ekwivalenti ghall-ammonti ta' Lm145,533.24 u Lm12,835 kif indikati fl-atti sucitati) oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data ta' l-istess kuntratti sal-pagament effettiv;

Illi dawn il-kuntratti gew rezi ezekuttivi permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu 2003 (kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok. HSBC III);

Illi sal-lum l-intimati ghadhom debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont globali ta' <u>€579,943.80, bl-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv</u>, rapprezentanti l-ammonti ta' €106,959.12 kapital u €56,023.20 in kwantu imghax sal-15 ta' Gunju 2010 fuq il-kont ta' l-*overdraft* (rendikont anness mar-rikors u immarkat Dok. HSBC IV); €22,971.76 kapital u €2,250.60 in kwantu imghax sal-15 ta' Gunju 2010 fuq kont ta' self (rendikont anness mar-rikors u immarkat Dok. HSBC V); u €255,966.25 kapital u €135,772.87 in kwantu imghax sal-15 ta' Gunju 2010 fuq kont ta' self iehor (rendikont anness mar-rikors u immarkat Dok. HSBC VI) u dan gie ikkonfermat bil-gurament mill-Avv. Daphne Dodebier kif rikjest mill-artikolu hawn fuq imsemmi;

Illi mid-data ta' l-ittra ufficjali sucitata lahqu ghaddew it-tliet snin preskritti mil-ligi sabiex dan it-titolu ezekuttiv jigi ezegwit u ghalhekk it-talba odjerna;

Ghaldaqstant il-bank rikorrent talab li dina l-Qorti joghgobha tawtorizzah sabiex, *ai termini* ta' l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jezegwixxi t-titolu esekuttiv fuq imsemmi.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Xehdet Dr. Daphne Dodebier u qalet li miz-zmien tal-prezentata tar-rikors ma sar ebda hlas.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-intimati gew debitament notifikati skond il-ligi u ma pprezentawx risposta u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat illi l-intimati ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk it-talba tal-bank rikorrent tidher gustifikata u l-Qorti fuq kontumacja ta’ l-intimati, filwaqt li qed tilqa’ t-talba tal-bank rikorrenti qed tawtorizzah sabiex *ai termini* ta’ l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jezegwixxi t-titolu esekuttiv fuq imsemmi.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------